MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1409/2004

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Antonio Vassallo u l-istess Antonio Vassallo**

**vs**

**Maria Spiteri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Lulju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi dikjarata unikament responsabbli ghal-incident awtomobilistiku li gara f'Triq D'Argens, Gzira, fl-24 t'Awissu 2002, li fih kienu involuti il-vettura KBE 774 proprjeta` tal-attur Antonio Vassallo, u l-vettura KAM 312 misjuqa mill-konvenuta, u dan state li l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta. It-Ribunal gie mitlub

jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' seba' mija u erbghin Liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm740.69) rapprezentanti danni sofferti u spejjez inkorsi mill-atturi in konnessjoni u bhala kagun tal-incident premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja u ta' dik kontestwalment mibghuta ma' dan l-avviz a tenur tal-Kap. 104, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-atturi u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u erbghin Liri Maltin u disgha u sittin centezmi (Lm740.69), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja u ta' dik kontestwalment mibghuta mal-avviz a tenur tal-Kap. 104, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------